MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2015

Talba Numru. 257/2015

**Studio 7 Productions Limited [C-25719]**

**Vs**

**Otto Media Limited**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-30 ta' Marzu, 2015** u li permezz taghha talbet lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta' elf disa' mija tlieta u tletin euro u tnejn u tletin centezmi ta' euro [€1933.32c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Is-socjeta attrici iffirmat ftehim mas-socjeta konvenuta [kopja tieghu hija hawn annessa u markata dok A] u illi sussegwenti ghal tali hargu fatturi regolarment u regolari izda s-socjeta konvenuta baqghet ma hallsitx is-somma ta' elf disa mija u tlieta u tletin ewro u

tnejn u tletin centezmu [€1933.32], liema somma ghadha pendenti u dana kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati Dok B u Dok C u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 797/15 u bl-imghaxijiet kummercjali kontra s-socjeta konvenuta illi hija minn issa stess ngunta ghas-subizzjoni”.

Ra li s-socjeta intimata giet debitament notifikata fl-14 ta’ April, 2015 u li la resqet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda ta’ Sue Pisani rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti tikkonferma li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mis-socjeta ntimata.

Ra li l-istess Sue Pisani ddikjarat li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa’.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand is-socjeta ntimata tas-somma ta' elf disa' mija tlieta u tletin euro u tnejn u tletin centezmi ta' euro [€1933.32c] liema ammont huwa in konnessjoni ma' ftehim iffirmat fil-31 ta' Mejju, 2013 ghal provvista ta' *audiovisual services*.

Ikkunsidra;

2. Ir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti xehdet llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mis-socjeta ntimata.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

> *(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*
>
> (a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

> *Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*
>
> *(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-*

*subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, is-socjeta ntimata giet notifikata fl-14 ta' April, 2015 u li la resqet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mis-socjeta ntimata.

   Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta ntimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf disa' mija tlieta u tletin euro u tnejn u tletin centezmi ta' euro [€1933.32c] bl-imghaxijiet kummercjali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data minn meta l-ammont kien dovut skond l-istatement esebit (fol. 17), sad-data tal-hlas effettiv.

   L-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 797/15, huma a kariku tas-socjeta ntimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------